

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 301/2008

tal-17 ta' Marzu 2008

**li jadatta l-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 882/2004 dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifika tal-konformità mal-liġi ta' l-għalf u l-ikel, mas-saħħa ta' l-annimali u mar-regoli dwar il-welfare ta' l-annimali**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat it-Trattat ta' l-2003 u b'mod partikolari l-Artikolu 57(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(1)</sup> jistabbilixxi qafas armonizzat ta' regoli ġenerali għall-organizzazzjoni ta' kontrolli uffiċjali biex tiġi żgurata l-verifika tal-konformità mal-liġi dwar l-għalf tal-bhejjem u l-ikel, saħħet l-annimali u r-regoli tal-benessri ta' l-annimali.

- (2) Issa jinħass il-bżonn, minħabba l-adeżjoni fl-2004 ta' Stati Membri ġodda, li tiġi kompluta l-lista ta' territorji fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 882/2004 sabiex tinkludi lill-Istati Membri kollha.

- (3) Għalhekk, ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 għandu jiġi emendat kif xieraq,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 882/2004 huwa sostitwit bit-test fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan għandu japplika mill-1 ta' Mejju 2004 fir-rigward tat-territorju tar-Repubblika Ċeka, ta' l-Estonja, ta' Ċipru, tal-Litwanja, ta' l-Ungerija, ta' Malta, tal-Polonja, tas-Slovenja, u tas-Slovakkja.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmula fi Brussell, 17 ta' Marzu 2008.

Għall-Kunsill

Il-President

I. JARC

<sup>(1)</sup> ĠU L 165, 30.4.2004, p. 1; verżjoni kkoreġuta fil-ĠU L 191, 28.5.2004, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 180/2008 (ĠU L 56, 29.2.2008, p. 4).

## ANNEX

## "ANNEX I

**IT-TERRITORJI REFERITI FL-ARTIKOLU 2 (15)**

1. It-territorju tar-Renju tal-Belġju
  2. It-territorju tar-Repubblika tal-Bulgarija
  3. It-territorju tar-Repubblika Ċeka
  4. It-territorju tar-Renju tad-Danimarka bl-eċċezzjoni tal-Gżejjer Faroe u ta' Greenland
  5. It-territorju tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja
  6. It-territorju tar-Repubblika ta' l-Estonja
  7. It-territorju ta' l-Irlanda
  8. It-territorju tar-Repubblika Ellenika
  9. It-territorju tar-Renju ta' Spanja bl-eċċezzjoni ta' Ceuta u Melilla
  10. It-territorju tar-Repubblika Franciża
  11. It-territorju tar-Repubblika Taljana
  12. It-territorju tar-Repubblika ta' Ċipru
  13. It-territorju tar-Repubblika tal-Latvja
  14. It-territorju tar-Repubblika tal-Litwanja
  15. It-territorju tal-Gran Dukat tal-Lussemburgu
  16. It-territorju tar-Repubblika ta' l-Ungerija
  17. It-territorju tar-Repubblika ta' Malta
  18. It-territorju tar-Renju ta' l-Olanda fl-Ewropa
  19. It-territorju tar-Repubblika ta' l-Awstrija
  20. It-territorju tar-Repubblika tal-Polonja
  21. It-territorju tar-Repubblika tal-Portugall
  22. It-territorju tar-Rumanija
  23. It-territorju tar-Repubblika tas-Slovenja
  24. It-territorju tar-Repubblika tas-Slovakkja
  25. It-territorju tar-Repubblika tal-Finlandja
  26. It-territorju tar-Renju ta' l-Iżvezja
  27. It-territorju tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq"
-